**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 121/2020**

**RV (l-ilmentatur)**

**vs**

**MPM Capital Investments Limited**

**(C46783) (il-provditur tas-servizz jew**

**MPM)**

**Seduta tad-19 t'April 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** fejn l-ilmentatur issottometta li l-provditur tas-servizz biegh l-investiment tieghu, il-*Barclays Bank plc 4.75% Perp*, bil-prezz inqas minn dak miftiehem.

L-ilmentatur spjega li huwa kien qabel mal-provditur tas-servizz biex ibiegh l-investiment ta' *Barclays Bank 4.75% Perp* u kien staqsa lill-provditur tas-servizz il-prezz tal-bejgh fejn dan kien qallu *'nineties'*. Meta rcieva l-kuntratt tal-bejgh tal-investiment sab li dan inbiegh bil-prezz ta' €0.8505 u mhux kif kien il-ftehim taghhom ta' *'nineties'*.

Huwa sahaq li siehbu kien ukoll ftiehem mal-provditur tas-servizz li jbiegh l-istess *bond*, il-*Barclays Bank 4.75% Perp,* u dan **wara** li l-ilmentatur kien ghamel l-ordni tal-bejgh tieghu. L-ilmentatur spjega li filwaqt li l-*bond* ta' siehbu nbiegh fit-03/03/2020 bil-prezz ta' €0.91, tieghu nbiegh fl-10/03/2020 bil-prezz ta' €0.8505.

Gie sottomess li dan juri bic-car li ghalkemm il-provditur tas-servizz naqas li jsemmi l-prezz ta' *'nineties'* fir-risposta tal-ittra tieghu tal-24 ta' Lulju 2020,[1] il-verità sagrosanta kienet li l-prezz ta' meta sar il-ftehim tal-bejgh tal-*bond* tieghu kien dak ta' *'nineties'*.

Issottometta wkoll li l-provditur tas-servizz kien fid-dmir li jinfurmah jekk meta gie biex ibiegh il-*bond* il-prezz kien niezel, u mhux ibiegh bi prezz inqas minn dak miftiehem. L-ilmentatur sahaq li huwa biss kellu jiddeciedi jekk ibieghx jew le ghax finalment dawk kienu flusu.

L-ilmentatur talab rimedju finanzjarju ta' €,2585, li hi d-differenza bejn il-prezz tal-bejgh tal-*bond* tieghu u l-prezz tal-bejgh tal-istess *bond* ta' siehbu.

Barra minn hekk, l-ilmentatur talab l-imghax legali li tilef sad-data ta' meta jigi deciz dan il-kaz kif ukoll l-ispejjez legali jew ta' qrati fil-kaz li jkun hemm tali spejjez.[2]

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:[3]**

*Il-qafas tar-relazzjoni bejn l-ilmentatur u MPM*

1. Illi l-ilmentatur u l-mara tieghu ilhom klijenti ta' MPM minn Gunju 2009. Huma marru l-ufficcju ta' MPM b'inizzjattiva personali taghhom wara li kienu uzaw is-servizzi ta' wiehed mid-diretturi li kien jahdem ma' kumpanija finanzjarja ohra. Kienu huma li talbu sabiex jaghmlu uzu mis-servizzi li toffri MPM. Peress li kien ilhom jinvestu *tramite* kumpaniji tas-servizzi finanzjarji ohra ghal numru twil ta' snin, huma kienu digà familjari u konxji tal-processi u riskji nvoluti.

   L-ilmentatur ghazel li l-attitudni ghar-riskju fuq l-investimenti tkun wahda aggressiva. Dan huwa car fl-*Opening of Account Form* (*Anness 1*)[4] iffirmata minnu datata 18 ta' Gunju 2009. Fl-ittra tal-ilment lill-kumpanija, kif ukoll fl-ilment lill-Arbitru, l-ilmentatur naqas milli jirreferi ghall-formola li permezz taghha fetah il-kont.

---

[1] Li hija r-risposta tal-provditur tas-servizz ghal-ilment formali datat 22 ta' Lulju 2020 li l-ilmentatur ghamel ma' MPM – Pagna (P.) 10 u 11

[2] P. 3

[3] P. 20-24

[4] P. 25

F'din l-istess formola, l-ilmentatur ghazel li seta' jaghti l-ordnijiet tieghu lil MPM permezz ta' dokumenti ffirmati, jew bit-telefon, jew fax, jew b'*email.*

Sa mill-2009, l-ilmentatur qatt ma baghat dokumenti ffirmati, jew *email* jew *faxes* sabiex jaghti l-ordnijiet tieghu. L-ordnijiet kollha kien jaghtihom waqt laqghat li kienu jsiru fl-ufficcju ta' MPM jew permezz ta' telefonati. Qatt f'aktar minn hdax-il sena li kien klijent ta' MPM, ma ta *'price limits'* fil-bejgh tal-investimenti tieghu**.** Dan la qatt tah bil-fomm u wisq anqas bil-miktub. Ma jezisti l-ebda dokument mibghut minnu jew telefonata li fiha kien hemm *'price limit'* dwar bejgh ta' investimenti.

L-ilmentatur kien stqar li huwa jaf jaqra u jikteb sew kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz. Huwa kkonferma wkoll li kellu bosta investimenti ma' *brokers* ohra, fosthom, ma' Calamatta Cuschieri. L-ilmentatur kien anke pprezenta dokumenti mahruga minn Calamatta Cuschieri li juru l-familjarità u l-livell ta' riskju li kien jaghzel biex jinvesti. Dawn id-dokumenti gew annessi mal-risposta u mmarkati bhala *Anness 2*.[5]

Ghaldaqstant l-ilmentatur huwa investitur bi snin kbar ta' esperjenza fix-xiri u bejgh ta' *bonds* kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Fil-portafoll tieghu ma' Calamatta Cuschieri, li kien ipprezenta lil MPM, jidher li huwa kien jinvesti b'sahha f'*bonds* likwidi u ohrajn illikwidi li jgorru livell ta' riskju gholi. Fost dawn l-investimenti, l-ilmentatur kellu investiti fil-Venezuela, l-Brazil, il-Kazakstan u r-Russja, f'muniti differenti.

MPM esegwiet biss l-ordnijiet moghtija lilha mill-ilmentatur bil-konsapevolezza u *buon volontà* tieghu. **MPM tirrispingi kull allegazzjoni li l-ilmentatur ta xi *'price limits'* fil-bejgh tal-investimenti tieghu.**

Fl-*Opening of Account Form* datata 18 ta' Gunju 2009, l-ilmentatur stqarr li kellu esperjenza u gharfien fuq *'investiment grade bonds, non-investment grade bonds, equities, funds'*. Hu stqarr ukoll li huwa familjari mal-investimenti u li l-ghan taghhom kien *'capital growth'*. Huwa inghata kopja tat-termini u kundizzjonijiet ta' MPM (*Anness 3*).[6]

[5] P. 26-32
[6] P. 33-55

L-ilmentatur naqas milli jipprezenta kopja tal-*Opening of Account Form*.

L-ilmentatur kien izur l-ufficcju ta' MPM madwar darba kull xahrejn. F'iktar minn 11-il sena fejn kien klijent, huwa zar l-ufficcji ta' MPM iktar minn hamsin darba. Kien icempel fuq it-telefon tal-ufficcju kwazi darba kull tliet gimghat. Bejn Jannar 2019 u Awwissu 2020 hu cempel l-ufficcju minn tal-inqas 32 darba. L-ahhar telefonata tieghu lill-ufficcju kienet fit-28 ta' Awwissu 2020. Din it-telefonata kienet xahar wara li l-kumpanija bghatitlu risposta ghall-ilment tieghu. F'din it-telefonata huwa ma semma xejn dwar ir-risposta tal-kumpanija. F'din it-telefonata hu kien imfakkar sabiex jibghat l-informazzjoni li l-kumpanija kienet ilha titolbu ghal bosta zmien.

Oltre minn hekk, huwa kien icempel fuq il-*mobiles* personali tad-Diretturi tal-kumpanija b'mod regolari hafna. MPM qatt ma talbet hlas tal-laqghat jew telefonati li saru. Il-laqghat kienu jdumu aktar minn siegha kull darba. F'dawn il-laqghat kienu jigu diskussi l-andament tas-swieq finanzjarji u r-riskji li jinvolvu l-investimenti fis-swieq finanzjarji.

Fil-laqghat kien jinghata rendikont tal-investimenti inkluz *'transaction history'* (*Anness 4*).[7] F'kull laqgha li attenda, kien jinghata *'portfolio valuation'*.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur kien jigi pprovdut b'informazzjoni kemm orali kif ukoll bil-miktub fuq l-investimenti u l-andament taghhom.

L-ilmentatur kien sodisfatt u kuntent bis-servizz offrut minn MPM, tant li ghamel bosta depoziti ohra fuq perjodu ta' diversi snin wara d-depozitu inizjali.

Fil-bidu ta' Marzu 2020, l-ilmentatur ta struzzjonijiet bit-telefon biex jinbieghu seba' investimenti. Dawn l-istruzzjonijiet tahom lil rapprezentant tal-kumpanija li kien f'kuntatt mieghu biex jinfurmah bl-izviluppi li kienu qed isehhu fis-swieq internazzjonali kawza tal-COVID 19.

[7] P. 56-74

Id-decizjoni li jbiegh parti mill-investimenti kienet tieghu, u tieghu biss. Hekk dejjem gara f'iktar minn hdax-il sena fejn MPM ipprovdietlu servizz. L-ilmentatur ma bieghx l-investimenti kollha li kellu.

Bejn Gunju 2009 u Marzu 2020, l-ilmentatur u martu ghamlu 35 tranzazzjoni ta' xiri u 25-il tranzazzjoni ta' bejgh fir-rigward ta' investimenti f'*bonds* internazzjonali. Dan apparti investimenti ohra li kienu ghamlu f'*bonds* mahruga lokalment.

**Ghal dawn l-ordnijiet kollha, l-ilmentatur u martu qatt ma ghamlu *price limit* fuq il-prezz tal-bejgh.**

L-ilmentatur kien stmat hafna minn MPM tant li MPM kienet taghti skont fuq il-mizati li kienet bi dritt li titlob. Il-kumpanija b'kollox tat skont ta’ ’l fuq minn Ewro1,800 f'*contract charges* li ma ttiehdux mill-provditur tas-servizz mal-kuntratti tax-xiri u bejgh. L-ilmentatur lanqas qatt ma gie mitlub ihallas il-*custody fee* ta' 0.1% fis-sena fuq il-valur tal-portafoll taghhom, kif kellha dritt timponi l-kumpanija abbazi tat-tariffi li qablu fuqhom. Dan l-iskont ilahhaq ‘’il fuq minn Ewro2,200 ohra. Dan ifisser li MPM tat skont ta’ ’l fuq minn Ewro4,000.

Bejn 2009 u 2020, sar dhul nett ta' Ewro115,000 fuq investimenti li nxtraw u nbieghu. Dan johrog b'mod car minn analizi tat-*transaction history*.

*Ittra mill-ilmentatur lil MPM*

2. Hekk kif spjegat, fil-bidu ta' Marzu 2020, l-ilmentatur ta struzzjonijiet bit-telefon biex ibiegh sebgha mill-investimenti. Fuq l-ebda investiment minn dawn is-sebgha ma gie indikat jew intalab li jsir xi *price limit* fuq il-prezz li kellhom jinbieghu. Din kienet l-istess prassi li ntuzat fi hdax-il sena. L-ilmentatur qajjem il-kwistjoni li qed jilmenta fuqha kwazi erba' xhur wara li rcieva l-kuntratt u sarraf ic-cekkijiet li rcieva.

Il-*bond* imsemmi fl-ittra tieghu nbiegh fl-ewwel parti ta' Marzu 2020. Ftit granet wara, huwa sarraf ic-cekk tal-bejgh tal-investimenti tieghu. Flimkien mac-cekk intbaghtu lilu kopji tal-kuntratti tal-bejgh. Qatt ma lmenta fuq dawn il-kuntratti jew dwar ic-cekk.

Fit-22 ta' Lulju 2020, huwa baghat ittra lil MPM. Din l-ittra giet imwiegba immedjatament fit-24 ta' Lulju 2020. MPM qatt ma rceviet risposta ghal din l-ittra.

*Ilment mal-Ufficcju tal-Arbitru*

3. L-ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u nveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-ilmentatur u MPM.

Fl-ilment tieghu, l-ilmentatur allega li hu ta xi *price limit* dwar bejgh ta' investiment minn sebgha li xtaq ibiegh f'Marzu 2020. Dan mhux minnu. **MPM qatt ma rceviet la bil-miktub u lanqas bil-fomm xi *price limit* meta l-ilmentatur xtaq ibiegh xi investimenti li kellu.** Hija gidba li l-ilmentatur ta xi *price limit* fuq il-bejgh tal-*bond* imsemmi minnu. Din hija l-istess prassi li uza f'aktar minn hdax-il sena fejn MPM ipprovdiet servizz. L-ilmentatur ma ressaq l-ebda prova tal-allegazzjoni tieghu u lanqas jista' jressaq, ghax tali prova ma tezistix.

L-ilmentatur ircieva l-kuntratti ta' bejgh tal-investimenti li xtaq ibiegh f'Marzu 2020, ftit granet wara li ta l-istess ordni. Flimkien mal-kuntratti, MPM baghtitlu cekk (*Anness 5*) bit-total ta' flejjes li kienu jirrigwardjaw dawn l-investimenti.[8]

Ic-cekk intbaghat lilu fis-16 ta' Marzu 2020. Dan ic-cekk issarraf fis-27 ta' Marzu 2020. L-ilmentatur qatt ma ghamel xi lment fil-perjodu bejn meta rcieva l-kuntratti u d-data ta' meta ssarraf ic-cekk. Lanqas ma ghamel xi lment wara li sarraf ic-cekk. Ghamel ilment erba' xhur wara li sarraf ic-cekk, cioè, lejn l-ahhar ta' Lulju 2020. L-ilmentatur baqa' juza' s-servizzi ta' MPM anke wara li baghat din l-ittra. Huwa baqa' wkoll icempel diversi drabi u jitlob assistenza dwar l-investimenti.

MPM tikkonferma li fost is-seba' investimenti li l-ilmentatur ried ibiegh, kellu investiti nominali ta' 47,000 *units* fil-*Barclays 4.75% Perp*. Dan l-investiment kien xtrah permezz ta' zewg tranzazzjonijiet f'dati differenti. Dawn il-*units* li huwa ried ibiegh tpoggew ghall-bejgh skont il-prezz tas-suq kif mitlub minnu.

[8] P. 75

Dan sar flimkien ma' rikjesti ohra ta' bejgh li MPM irceviet fl-istess perjodu minn klijenti ohra. Dan sabiex ikun jista' jinghaqad *batch* biex it-tranzazzjoni tkun possibli.

MPM spjegat li l-*Barclays 4.75% Perp* jista' jinxtara u jinbiegh f'*batches* ta' 10,000. Dan johrog mill-*Prospectus* ta' dan l-investiment (*Anness 6*).[9] L-ilmentatur kien konxju li dan l-investiment partikolari jigi *traded* f'*batches* ta' 10,000. Ghaldaqstant, sabiex l-ilmentatur ikun jista' jbiegh il-*batch* tieghu, il-provditur tas-servizz kellu jistenna li jidhlu ordnijiet ta' bejgh ohra minn klijenti ohra minhabba li l-ilmentatur ma kellux *batch* li setghet tinbiegh waheda. L-ilmentatur huwa konxju ta' dan ghax ilu jinvesti ghal hafna snin u jaf b'din il-procedura. Tant jaf biha li sahansitra meta xtara dan l-investiment, hu kellu jistenna sabiex ikun hemm ordnijiet ohra minn klijenti ohra sabiex ikun jista' jixtri dan l-investiment.

L-ilmentatur ghogbu jsemmi klijent iehor ta' MPM li hu ghogbu jsejjahlu bhala 'siehbi'. MPM tikkonferma li l-klijent imsemmi mill-ilmentatur kellu l-*Barclays 4.75% Perp* u, galadarba l-ilmentatur semma dan il-klijent, MPM ikollha tiddefendi lilha nnifisha billi tizvela li dan il-klijent kellu 50,000 nominali minn dan il-*bond*. Ghaldaqstant dan il-klijent kien f'pozizzjoni li jixtri u jbiegh wahdu l-*batch* tieghu minghajr ma jistenna xi klijent iehor jitfa' ordni ta' bejgh. Ghaldaqstant, is-sitwazzjoni ta' dan il-klijent u ta' klijenti ohra li kellhom *batches* fil-forma ta' 10,000 hija differenti minn dik tal-ilmentatur.

**Kienet id-decizjoni tal-ilmentatur li ma jinvestix f'*lot* fejn ikun jista' jixtri u jbiegh wahdu.**

Kienet decizjoni tieghu li jixtri *batch* li jkollu bzonn is-sehem ta' klijenti ohra sabiex ikun jista' jigi *traded*. MPM ma ghandha l-ebda dritt fuq klijenti ohra sabiex ibieghu l-investimenti taghhom sabiex jakkomodaw lill-ilmentatur.

Hekk kif sar il-bejgh u MPM irceviet il-flus, dawn gew mghoddija lill-ilmentatur immedjatament. Il-bejgh sar tramite *Banca Zarattini* u kopja tat-*trade* giet annessa (*Anness 7*).[10]

---

9 P. 76-114
10 P. 115-116

Dan id-dokument juri car li l-investiment gie mibjugh bil-prezz tas-suq tal-10 ta' Marzu 2020, cioè, 85.05 ghal kull *unit*. Il-kuntratt tal-bejgh ta' dan l-investiment mahrug minn MPM lill-ilmentatur juri car li l-prezz li nbiegh l-istrument minn *Banca Zarattini* huwa l-istess prezz f'dan il-kuntratt, cioè, 85.05 kull *unit* (*Anness 8*).[11]

L-ilmentatur kien digà xtara u biegh dan l-istess strument, cioè, il-*Barclays Bank 4.75%*, ghal darba, darbtejn ohra *tramite* MPM. Ghaldaqstant hu kien certament jaf kif isir ix-xiri u l-bejgh ta' dan il-prodott.

Gie wkoll sottomess li l-ilmentatur qatt ma kien ressaq xi lment fiz-zewg drabi l-ohra fejn kien biegh dan l-investiment. Lanqas f'dawk id-drabi ma kien ta xi *price limit* fir-rigward tal-bejgh. Lanqas f'dawk id-drabi ma kellu *batch* kompluta sabiex ikun jista' jaghmel tranzazzjoni wahdu, u anke f'dawn id-drabi kellu jinghaqad ma' klijenti ohra biex seta' jixtri jew ibiegh l-investiment tieghu.

Ftit granet wara li l-ilmentatur biegh l-investiment tieghu fil-*Barclays 4.75%*, dan l-investiment kien nizel ghall-prezz ta' 74 (*Anness 9*). Hames t'ijiem wara li l-ilmentatur biegh l-investiment tieghu, *Barclays Bank* ghazel li jbiddel ir-rata ta' interessi fuq dan il-prodott minn 4.75% ghal 0.352%.

Minn analizi tal-investimenti li kellu l-ilmentatur ma' MPM tul is-snin u anke ma' *brokers* ohra, fosthom, Calamatta Cuschieri, wiehed jinnota li l-ilmentatur ghal bosta drabi investa fi prodotti li kien hemm bzonn li jinghaqad *batch* sabiex ikun jista' jixtri jew ibiegh. Fost dawn hemm *Deutsche Bank 6% Perp* u *Barclays 6.5% Perp*. Anke fuq dawn iz-zewg investimenti, l-ilmentatur ma kellux *batch* wahdu sabiex ikun jista' jixtri u jbiegh meta irid minghajr ma jistenna klijenti ohra jaghmlu ordni. Anke f'dawn il-kazijijet, meta ghogbu jbiegh, l-ilmentatur ma tax *price limits*.

MPM sahaq li huwa ta' thassib serju li l-ittra tal-ilmentatur giet ezatt wara li l-kumpanija kitbitlu sabiex jipprovdi dokumentazzjoni relatata ma' s*ource of funds* u *source of wealth*, liema talba giet injorata minnu. L-ilmentatur baqa' sal-lum ma pprezentax dawn id-dokumenti mitluba minnu.

---

[11] P. 117

Il-providur tas-servizz issottometta li matul il-perjodu li fih kien klijent ta' MPM saru 60 tranzazzjoni ta' xiri u bejgh u, ghaldaqstant, l-ilmentatur kien konxju tal-proceduri kollha tax-xiri u l-bejgh tal-investimenti.

MPM rega’ tenna li l-ilmentatur u martu ghamlu profitt ta’ aktar minn Ewro115,000 fuq strumenti ta' investimenti li xtraw u bieghu.

**Sema’ lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Il-fatti tal-kaz***

*L-investiment in kwistjoni*

L-ilment huwa rigward il-47,000 *units* fil-*Barclays Bank plc 4.75% Perp* li nxtraw mill-ilmentatur f'Marzu u f'April tas-sena 2019 ghall-prezz ta’ Ewro43,841.71 (inkluz spejjez ta’ xiri).[12] *Sparkasse* kien il-kustodju f'dawn il-kuntratti ta' xiri.

*L-ordni tal-bejgh*

Hekk kif spjegat mill-ilmentatur fl-ittra tieghu lill-provditur tas-servizz datata 22 ta' Lulju 2020, **l-ordni tal-bejgh tal-*Barclays Bank plc 4.75% Perp* saret bil-fomm waqt *'telefonata li saret fil-bidu ta' Marzu 2020'***.[13] Dan gie wkoll ikkonfermat mill-provditur tas-servizz.

Fl-*affidavit* tad-direttur tal-provditur tas-servizz li gie pprezentat matul il-kaz intqal li ***‘Fit-2 jew 3 ta’ Marzu 2020, is-Sur RV kien cempilli fuq il-mobile personali tieghi*** *biex jistaqsi informazzjoni dwar l-investimenti tieghu minhabba l-izviluppi li kienu qed isehhu fis-swieq internazzjonali kawza tal-COVID 19 …*

[12] 15,000 *units* inxtraw bil-prezz ta’ €0.915 kull *unit* fis-26 ta' Marzu 2019 ghall-kunsiderazzjoni totali inkluz spejjez ta’ €13,919.50 filwaqt li 32,000 *units* ohra nxtraw bil-prezz ta’ €0.92 fis-17 ta' April 2019 ghall-kunsiderazzjoni totali inkluz spejjez ta’ €29,922.21, hekk kif johrog mill-*'Purchase Contract Note'* rispettivi mahrugin minn MPM - P. 13 u 14

[13] P. 10

***Matul din-telefonata, is-Sur RV kien ta struzzjonijiet cari biex jinbieghu seba' investimenti** …'.*[14]

**L-investiment inbiegh gimgha wara fl-10 ta' Marzu 2020 bil-prezz ta' EUR 0.8505 kull *unit*** ghall-kunsiderazzjoni totali (inkluz interessi u spejjez applikabbli) ta' Ewro41,757.96 hekk kif johrog mis-*'Sale Contract Note'* mahruga minn MPM.[15] *Banca Zarattini & Co* kien indikat bhala l-kustodju fil-kuntratt tal-bejgh.

**Dan l-investiment irrizulta f'telf nett ta' Ewro2,083.75**.[16]

Bejn it-2/3 ta' Marzu 2020 u d-data tal-bejgh tal-10 ta' Marzu 2020, il-provditur tas-servizz sahaq li saru zewg telefonati bejnu u bejn l-ilmentatur fejn gie diskuss l-andament tal-investimenti u l-bejgh tal-prodott in kwistjoni.[17] Dawn huma riflessi fil-*log* tat-telefonati pprezentati mill-provditur tas-servizz li jirriflettu n-numru tal-*mobile* tal-ilmentatur.[18] Wiehed jinnota izda li ma hemm l-ebda evidenza ta' x'intqal ezatt f'dawn it-telefonati li l-ilmentatur lanqas ftakar fihom hekk kif xehed fis-seduta tas-6 t'April 2021.[19]

*Kuntratt ta' bejgh ta' sieheb l-ilmentatur*

L-ilmentatur sahaq li siehbu kien ta l-ordni ghall-bejgh tal-istess investiment wara l-ordni tal-bejgh tieghu.[20]

Waqt is-seduta tas-6 ta' April 2021, l-ilmentatur xehed hekk:

*'Wara li qtajt minn mas-Sur Mangion, jien cempilt lil habib tieghi, is-Sur XXX … u ghidtlu b'din it-telefonata li kelli mas-Sur Mangion … Is-Sur XXX cempel lis-Sur Mangion u wara cempilli u qalli li qabel ukoll li jbiegh l-investimenti tieghu. Dan kien xi jiem qabel it-3 ta' Marzu 2020. Gara li l-bond tas-Sur XXX, li ghamel l-order warajja, inbiegh fit-3 ta' Marzu.'*[21]

---

[14] P. 126 – Emfasi mizjuda mill-Arbitru.
[15] P. 12
[16] Ewro 43,841.71 – Ewro 41,757.96 = Ewro 2,083.75. Ma johorgu l-ebda interessi ohra li l-ilmentatur seta' rcieva minn dan l-investiment skont it-*'Transaction Record from 01 January 2000 to 02 December 2020'*ipprezentat - P.64-66
[17] P. 128 u 211
[18] P. 143, 160 u 1
[19] P. 123
[20] P. 3
[21] P. 119

Waqt is-seduta tas-27 t'April 2021, sieheb l-ilmentatur ikkonferma li huwa kien ta l-ordni tal-bejgh tal-investiment wara dik tal-ilmentatur.

Sieheb l-ilmentatur xehed li:

*'Is-Sur RV kien qal lis-Sur Alex Mangion biex ibieghlu kollox u, mbaghad, jien ukoll cempilt lis-Sur Alex Mangion u ghidtlu biex ibieghli kollox ukoll'*. [22]

Il-provditur tas-servizz ma kkontestax li l-ordni ta' sieheb l-ilmentatur inghatat wara dik tal-ilmentatur izda sahaq li s-sitwazzjoni ta' sieheb l-ilmentatur kienet wahda differenti ghax sieheb l-ilmentatur kellu *'batches fil-forma ta' 10,000'*.[23]

Matul il-proceduri tal-kaz gie pprezentat il-kuntratt ta' bejgh mahrug minn MPM lil sieheb l-ilmentatur. Dan il-kuntratt huwa datat 3 ta' Marzu 2020 u jindika l-bejgh ta' 50,000 *units* fil-*Barclays Bank plc 4.75% Perp* bil-prezz ta' €0.91 kull *unit*.[24]

Sparkasse kien indikat bhala l-kustodju fil-kuntratt tal-bejgh.

*Ragunijiet moghtija minn MPM ghalfejn l-investiment tal-ilmentatur ma nbieghx qabel jew ma' ta' sieheb l-ilmentatur*

Apparti r-risposta tal-provditur tas-servizz li hija riflessa hawn fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jinnota li fl-*affidavit* tieghu il-provditur tas-servizz spjega, fost affarijiet ohra, li:

*'Is-Sur RV ta ukoll l-impressjoni li jien stajt inbiegh parti mill-investiment li kellu fil-Barclays Bank peress li kien jinbiegh f'batches ta' 10,000. Dan ma setax isir ghal diversi ragunijiet teknici u finanzjarji. Is-Sur RV qatt ma ried li tranzazzjoni wahda tinqasam fuq numru ta' trades ghal ragunijiet ta' spejjez. Kieku tranzazzjoni tinqasam f'bicciet zghar, l-ispiza ghall-klijent tkun hafna u hafna ikbar peress li tkun trid tithallas il-minimum fee ghal kull tranzazzjoni. Ghalkemm fit-teorija l-investiment seta' jinbiegh f'batches ta' 10,000 il-kumpanija ma setghet qatt tibghat din l-ordni lill-banek biex jaghmlu t-tranzazzjoni. Dan ghaliex bhalma jaf b'mod tajjeb is-Sur RV, il-banek li topera maghhom il-kumpanija ma jaccettawx ordnijiet ta' inqas minn 100,000. Ir-raguni ghal dan il-*

[22] P. 124
[23] P. 23
[24] P. 202

*metodu ta' operat tal-banek jinftiehem peress li anke ordni ta' 100,000 hi kunsidrata baxxa hafna fis-swieq internazzjonali u ghaldaqstant ma tkunx vijabbli ghall-bank kemm mill-lat finanzjarju kif ukoll mill-lat operattiv …'.* [25]

Fl-istess *affidavit*, id-direttur tal-provditur tas-servizz sahaq ukoll li:

*'Ghaldaqstant wiehed ma jistax jifhem ir-relevanza ghaliex kien hemm il-htiega li jidhol fin-nofs is-Sur XXX meta l-gist tal-ilment tas-Sur RV hu relatat ma' diskors li ntqal jew ma ntqalx bejn il-partijiet. Dan apparti l-fatt li c-cirkostanzi tas-Sur XXX huma ghal kollox differenti minn tas-Sur RV, fosthom ghall-fatt li s-Sur XXX seta' jbiegh l-investiment tieghu wahdu minghajr il-bzonn li jistenna xi klijenti ohra biex tkun tista' issir t-tranzazzjoni'.*[26]

Fuq dan il-punt, l-Arbitru jinnota wkoll li waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, l-ufficjal tal-provditur tas-servizz xehed li:

*'Nghid li l-ilmentatur fl-ebda hin ma tani x'nifhem li ried jaqsam l-ordni. L-ilmentatur jaf ukoll li meta naqsam l-ordnijiet f'bicciet zghar ser ikollu l-minimum fee li jrid ihallas.*

*Mistoqsi kellix l-opportunità li nbieghhom fit-3 ta' Marzu ma' ta' haddiehor, nghid li il-lot tieghu ma stajtx inbieghu. L-ilmentatur qatt ma tani ordni li naqsam il-batch u kien ikun attent hafna li jnaqqas it-transaction fees kemm jista' jkun u dan jafu ghax kont naghtih discount fuq il-brokerage fee kollha. Kien ikun konxju hafna li jimminimizza l-ispejjez tieghu biex jikkapitalizza l-qligh tieghu ...'.*[27]

Wiehed jinnota wkoll li fl-ahhar sottomissjonijiet tal-provditur tas-servizz gie sottomess li:

*'… c-cirkostanzi tat-tranzazzjoni li maghha l-ilmentatur qed jipprova jaghmel tqabbil huma ghal kollox differenti minn tal-ilmentatur. Dan kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam ghall-batch size mitlub mis-suq, kif ukoll ghall-fatt li t-tranzazzjoni ma saretx mal-istess custodian. Filwaqt li l-investiment tal-ilmentatur kien tramite Banca Zarattini Co. Ltd, l-investiment tas-Sur XXX kien tramite Sparkasse Bank Malta plc. Bhal ma digà gie spjegat fid-dettall fl-affidavit tas-Sur Alex Mangion, in-negozju ta' bonds fis-swieq internazzjonali jsir Over the*

[25] P. 128 u 130
[26] P. 130
[27] P. 205

*Counter u mhux tramite xi Stock Exchange. Dan ifisser li anke kieku z-zewg tranzazzjonijiet saru fl-istess gurnata, xorta kien ikun hemm probabbilità kbira li l-prezzijiet ma jkunux l-istess. Il-prezz hu fattur fost l-ohrajn tal-volum u tad-domanda tal-bank counterparty li jkun lest jinnegozja ma' dak il-bank partikolari … Is-Sur RV jaf ben tajjeb li l-banek li topera maghhom is-socjetà konvenuta ma jaccettawx ordnijiet ta' inqas minn 100,000 u din kienet ir-raguni ghalfejn l-investiment tal-ilmentatur kellu jinbiegh b'mod differenti minn tas-Sur XXX XXX …'.*[28]

*Regoli applikabbli fuq l-ezekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti*

**L-Arbitru jqis li l-aspett krucjali ta' dan il-kaz jinvolvi *l-ezekuzzjoni tal-ordni ta' bejgh maghmula mill-klijent fuq l-investiment tieghu*, cioè, l-*Barclays Bank plc 4.75% Perp*. Ghalhekk L-Arbitru ser jikkonsidra jekk il-provditur tas-servizz esegwiex tali ordni b'mod adegwat u gabx l-ahjar rizultat possibli ghall-klijent tieghu skont ic-cirkostanzi partikolari u r-regoli applikabbli.**

**Ir-regoli mahruga mill-MFSA li kienu applikabbli ghal-provditur tas-servizz fuq l-ezekuzzjoni ta' ordnijiet tal-klijenti huma primarjament iddettaljati fil-*Conduct of Business Rulebook* mahrug mill-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('MFSA').[29] Kapitolu 5 intitolat *'Execution of Client's Orders'* tal-*Conduct of Business Rulebook* ('il-*Rulebook*') jinkludi diversi regoli u gwida fuq il-punt in kwistjoni.**

Hekk kif specifikat fl-introduzzjoni tal-imsemmi Kapitolu 5 tal-*Conduct of Business Rulebook*:

***'Regulated Persons <u>which execute orders on behalf of their Clients shall take all sufficient steps to obtain, when executing orders, the best possible result for their Clients</u>. By way of guidance, the application of the best execution requirement is ultimately dependent on whether the Client legitimately relies on the Regulated Person to protect his or her interests in relation to the pricing and other elements of the transaction that may be affected by the choices made by the Regulated Person when executing the order.***

[28] P. 212

[29] Verzjoni applikabbli fiz-zmien tat-tranzazzjoni in kwistjoni.

***In order for Regulated Persons to obtain the best possible result for their Clients, this Chapter deals with the requirement to establish and implement an order execution policy. In addition, Regulated Persons are required to implement procedures and arrangements which provide for the prompt, fair and expeditious execution of Client orders.'*** [30]

MPM kellha l-obbligu li jkollha *'Best Execution Policy',* hekk kif johrog mir-regoli tal-MFSA. Il-*'Best Execution Policy'* issir, fil-fatt, referenza ghaliha fl-*Opening of Account Form*[31] ta' MPM kif ukoll fit-*Terms & Conditions* tal-provditur tas-servizz.

Paragrafu 21.1 tas-sezzjoni ntitolata *'Best Execution Requirements'* tat-*Termini u Kundizzjonijiet* ta' MPM, ipprezentat mill-provditur tas-servizz jispecifika, fosthom, li:

***'MPM shall take reasonable steps to obtain, when executing orders on behalf of clients, the best possible result for its Retail*** *and Professional clients. Nevertheless, MPM shall execute any specific instruction received by you in accordance with your specific instruction.* ***We have in place a Best Execution Policy****, which describes the factors we will take into account in the way in which we will deal with your order when arranging or executing transactions or taking decisions to trade on your behalf'.*[32]

**Minkejja d-dokumenti u sottomissjonijiet estensivi tal-provditur tas-servizz, huwa nnotat li matul il-proceduri tal-kaz ma gie pprezentat l-ebda *'Best Execution Policy'* ta' MPM. Gie pprezentat biss kopja tat-*'Terms & Conditions'* ta' MPM liema dokument jinkludi certu kundizzjonijiet relevanti.**

Hekk kif msemmi hawn fuq, **MPM kien obbligat li jgib l-ahjar rizultat possibli ghall-ilmentatur meta esegwixxa l-ordni tieghu filwaqt li kellu jiehu kont ta' numru ta' fatturi f'tali ezekuzzjoni.** Dan johrog ukoll skont ir-regola R.5.3 tar-*Rulebook* taht is-sezzjoni intitolata *'Obligation to Execute Orders on Terms Most Favourable to the Client'* li tipprovdi dan li gej:

[30] Emfasi mizjuda mill-Arbitru
[31] P. 25
[32] P. 47 - Emfasi mizjuda mill-Arbitru

*'A Regulated Person shall take all sufficient steps to obtain, when executing orders, the best possible result for its Clients taking into account the best execution factors of price, costs, speed, likelihood of execution and settlement, size, nature or any other consideration relevant to the execution of the order …'.*[33]

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-Arbitru jqis li l-ilmentatur, li kien *'retail investor'* u kien jiehu servizz tat-tip *'advisory'* minn MPM, hekk kif johrog mill-*'Opening of Account Form',* kien qieghed jistrieh fuq il-provditur tas-servizz biex igib l-ahjar prezz meta kienet qieghda tigi esegwita l-ordni.[34]

*Osservazzjonijiet ohra fuq ir-Regoli applikabbli*

Il-provditur tas-servizzipprezenta l-kuntratt mal-bank, *Banca Zarattini & Co.,* datat 10 ta' Marzu 2020, fejn inbieghu b'EUR470,000 *notes* fil-prodott in kwistjoni bil-prezz ta' EUR0.8505 kull *unit*, u li minnhom kien hemm il-parti tal-*units* tal-ilmentatur.[35]

Il-provditur tas-servizz ma pprezenta l-ebda kuntratt ma' bank relatat mal-bejgh tal-*units* fil-prodott in kwistjoni bil-prezz tal-Eur0.91 kull *unit* fit-3 ta' Marzu 2020 li tista' tindika x'kien il-*batch size* u dettalji ohra tat-tranzazzjoni ta' bejgh li sehhet fit-3 ta' Marzu 2020 relatata mat-tranzazzjoni ta' sieheb l-ilmentatur.

L-Arbitru jinnota li Regola R.5.14 tal-*Rulebook* tipprovdi li:

***'When carrying out Client orders, a Regulated Person shall implement procedures and arrangements which provide for the prompt, fair and expeditious execution of Client orders, relative to other Client orders** … In fulfilling the requirements of this Rule, the Regulated Person shall satisfy the following conditions when carrying out Client orders:*

*(a) **it must ensure that orders executed on behalf of Clients** or UCITS, as applicable, **are promptly and accurately recorded and allocated;***

*(b) it must carry out otherwise comparable Client or UCITS **orders,** as applicable, **promptly and sequentially in accordance with the time of***

[33] Emfasi mizjuda mill-Arbitru.
[34] P. 25
[35] P. 115

***their reception by the Regulated Person, unless the characteristics of the order or prevailing market conditions make it impracticable****, or the interests of the Client or UCITS, as applicable, require otherwise;*

*(c)* ***it must inform Retail Clients about any material difficulty relevant to the proper carrying out of orders promptly upon becoming aware of the difficulty****. …'* [36]

**Meta l-Arbitru ra sew l-evidenza migjuba quddiemu ma sab l-ebda evidenza li turi li tali kundizzjoni giet osservata ghaliex l-ordni ma gietx irregistrata jew irrekordjata mill-provditur tas-servizz u, sahansitra, skont il-provditur tas-servizz stess, id-data ma kinetx preciza meta inghatat l-ordni tal-klijent.**[37]

**Lanqas ma hareg x'kienet is-sekwenza tal-ordni tal-ilmentatur ma' ordnijiet ohra (bhal ta' sieheb l-ilmentatur fuq l-istess prodott) u lanqas ma harget evidenza li l-ilmentatur gie nfurmat bid-diffikultà li l-ordni tigi esegwita malajr**.

L-Arbitru jinnota wkoll li dwar l-aggregazzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti, il-provditur tas-servizz kellu josserva Regola R.5.16 tar-*Rulebook* li tipprovdi dan li gej:

*'A Regulated Person shall not carry out a Client order … in aggregation with another Client order … unless the following conditions are met:*

*(a) it must be unlikely that the aggregation of orders and transactions will work overall to the disadvantage of a Client … whose order is to be aggregated;*

*(b) it must be disclosed to each Client whose order is to be aggregated that the effect of aggregation may work to its disadvantage in relation to a particular order;*

*(c) an order allocation policy must be established and effectively implemented, provided for the fair allocation of aggregated orders and transactions, including how the volume and price of orders determines allocations and the treatment of partial executions.*

---

[36] Emfasi mizjuda mill-Arbitru

[37] Il-provditur tas-servizz stess fl-*affidavit* tieghu semma t-telefonata li qal kienet *'fit-2 jew fit-3 ta' Marzu 2020'* – P. 126

*Where a Regulated Person aggregates an order with one or more orders of … other Client orders and the aggregated order is partially executed, it shall allocate the related trades in accordance with its order allocation policy.'*

**Il-provditur tas-servizz ma pprezenta l-ebda *order allocation policy* li tiggustifika l-mod ta' kif l-ordni tal-ilmentatur giet allokata meta gew esegwiti ordnijiet ohra fuq l-istess investiment**.

**Fic-cirkostanzi l-Arbitru ma jsib l-ebda prova konvincenti bizzejjed u adegwata li tiggustifika d-dewmien fl-ezekuzzjoni jew in-nuqqas ta' ezekuzzjoni parzjali tal-ordni tal-ilmentatur meta kien hemm bejgh tal-istess *units* bi prezz ferm ahjar minn dak migjub mill-provditur tas-servizz lill-ilmentatur**.

**Il-fatt li kien hemm xi *minimum fee* jew izjed spejjez ta' ezekuzzjoni jekk l-ordni tinqasam, din waheda ma tiggustifikax izjed dewmien fl-ezekuzzjoni tat-tranzazzjoni jew li l-ilmentatur ma jigix allokat xi porzjon mill-ordni tieghu bi prezz ahjar galadarba kien hemm *batch* li nbiegh qabel bi prezz ahjar.**

**Dan izjed u izjed meta kien hemm indikazzjonijiet cari li l-prezz tal-prodott ser jinzel minhabba c-cirkostanzi partikolari f'dawk iz-zminijiet, jigifieri, *'l-izviluppi li kienu qed isehhu fis-swieq internazzjonali kawza tal-COVID 19'*,[38] hekk kif semma l-provditur tas-servizz, u anke johrog mit-tabella pprezentata fuq l-andament tal-prezz.[39]**

**Filwaqt li huwa minnu li ghandha tinghata attenzjoni sabiex ma jidhlux spejjez addizzjonali li japplikaw jekk tinqasam l-ordni, wiehed ma jistax inaqqas mill-importanza l-effett li jhalli l-prezz jekk dan ikun niezel jew jekk ikun hemm indikazzjonijiet li ser jinzel b'mod materjali.**

**Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz ma tax indikazzjoni waqt dan il-kaz ta' kemm kienu dawn il-*minimum fees* u kemm it-*transaction/brokerage fees* seta' kienu; u jekk l-impatt ta' dawn l-ispejjez addizzjonali kienx jiggustifika d-dewmien izjed fl-ezekuzzjoni biex l-ordni issir kollha f'daqqa minflok jinbieghu qabel dawk il-*batches* ta' 10,000, li l-bejgh taghhom seta' jsir bi prezz ahjar.**

---

[38] P. 126

[39] P. 117

**Ghalhekk ma gab l-ebda prova li l-ispejjez addizzjonali kienu ser jimmilitaw kontra l-interessi tal-klijent aktar mid-dewmien tat-tranzazzjoni.**

**Hekk kif rikjest minn regola R.5.30 tar-*Rulebook*, l-ahjar rizultat possibbli ghall-klijent kellu jigi determinat meta jittiehdu l-konsiderazzjonijiet kollha f'daqqa, jigifieri, l-prezz tal-investiment kif ukoll l-ispejjez relatati mal-ezekuzzjoni.**[40]

**Jekk l-ordni tal-bejgh tal-ilmentatur dahlet qabel, il-porzjon tal-*batch* jew l-ammont ta' *units* li seta' jinbiegh bi prezz ahjar kellu jinghata priorità fis-sekwenza ta' meta dahlu l-ordnijiet rispettivi, izjed u izjed, fic-cirkostanza li kien jidher car li l-prezz tal-*bond* kien ser ikompli jinzel minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dak iz-zmien. Fil-fatt, dawn qanqlu l-bejgh tal-investimenti tal-ilmentatur u klijenti ohra.**

*Dokumenti u records li kellu jzomm il-provditur tas-servizz*

**Matul il-proceduri tal-kaz ma gie pprezentat l-ebda dokument formali li jindika d-data ezatta meta inghatat l-ordni mill-ilmentatur biex jinbiegh l-investiment u b'liema metodu. Lanqas ma gie pprezentat xi *recording* u traskrizzjoni tat-telefonata rigward l-ordni tal-bejgh tal-investiment.**

[40] *'R.5.30 Where a Regulated Person executes an order on behalf of a Retail Client, the best possible result shall be determined in terms of the total consideration, representing the price of the Financial Instrument and the costs relating to execution, which shall include expenses incurred by the Client which are directly related to the execution of the order, including Execution venue fees, clearing and settlement fees and any other fees paid to third parties involved in the execution of the order ...'. - Conduct of Business Rulebook*

**Dan ma jirriflettix ir-*'record keeping obligations'* imsemmija fir-*Rulebook* applikabbli ghall-provditur tas-servizz, fosthom, R.5.40, R.5.44 u R.5.45 tal-*Rulebook*.**[41, 42, 43]

**Skont R.5.13 tal-*Rulebook,* il-provditur tas-servizz kellu juri li l-ezekuzzjoni tal-ordni tal-klijent kienet skont l-*execution policy* tieghu u li kien konformi mar-regoli applikabbli.[44] L-Arbitru ma jhossx li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz dan sehh b'mod adegwat, konvincenti u sostanzjat.**

**Meta l-Arbitru qies il-provi kollha li ngabu quddiemu huwa konvint li l-provditur tas-servizz ma gabx l-ahjar rizultat possibli ghall-ilmentatur. Jekk kellu xi dubju li kienu ser jidhlu *fees* addizzjonali billi jaqsam l-ordni biex ikun jista' jbiegh, kellu jikkonsulta ruhu mal-ilmentatur u jiddiskuti dan kollu**

---

[41] *'R.5.40 A Regulated Person shall, in relation to every initial order received from a Client and in relation to every initial decision to deal taken, immediately record and keep at the disposal of the MFSA at least the details set out in Section 1 of Appendix 2 to this Chapter to the extent they are applicable to the order or decision to deal in question. …' - Conduct of Business Rulebook*

[42] *'R.5.44 Records shall include the recording of telephone conversations or electronic communications relating to, at least, transactions concluded when Dealing on own account and the provision of Client order services that relate to the reception, transmission and execution of Client orders.*

*...*

*A Regulated Person shall notify new and existing Clients that telephone communications or conversations between the Regulated Person and its Clients that result or may result in transactions, will be recorded. Such a notification may be made once, before the provision of Services to new and existing Clients.*

*A Regulated Person shall not provide, by telephone, Services and activities to Clients who have not been notified in advance about the recording of their telephone communications or conversations, where such Services and activities relate to the reception, transmission and execution of Client orders. ...' - Conduct of Business Rulebook*

[43] *'R.5.45 The information recorded for the purposes of R.5.44 above shall include at least the following:*

*(a) date and time of meetings;*

*...*

*(d) initiator of the meetings; and*

*(e) relevant information about the Client order including the price, volume, type of order and when it shall be transmitted or executed.*

*Records shall be stored in a Durable medium, which allows them to be replayed or copied and must be retained in a format that does not allow the original record to be altered or deleted. Records stored must be readily accessible and available to Clients upon request.*

*A Regulated Person shall ensure the quality, accuracy and completeness of the records of all telephone recordings and electronic communications.' - Conduct of Business Rulebook*

[44] *'R.5.13 A Regulated Person shall demonstrate to its Clients, at their request, that it has executed their orders in accordance with the Regulated Person's order execution policy and it shall also ensure that it is able to demonstrate to the MFSA upon request that the Regulated Person is in compliance with the Rules.' – Conduct of Business Rulebook*

mieghu. Ma setax jiehu l-ligi b'idejh u jipprova jiggustifika dak li ghamel wara li sehh il-fatt.

Ordni ta' ezekuzzjoni ghandha ssir fuq it-termini ta' min ikun ta l-ordni u, jekk dik l-ordni ma setghetx issehh immedjatament, il-provditur tas-servizz kellu jinforma b'dan lill-ilmentatur sabiex tinsab soluzzjoni li tkun approvata mis-sid tal-investiment.

**Konkluzjoni**

Ghar-ragunijiet kollha moghtija hawn fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jqis li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.

L-Arbitru jqis li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikun gust li l-ilmentatur jinghata kumpens fis-somma ta' Ewro2,084 ghall-parti sostanzjali tat-telf sostnut izda m'hijiex is-somma totali ta' €2,585 li talab l-ilmentatur.

L-Arbitru wasal ghal din il-figura ibbazata fuq l-ekwità, il-gustizzja u r-ragonevolezza. Ghalkemm, kif qal aktar 'il fuq l-Arbitru f'din id-decizjoni, ma sabx provi li juru x'kienu jkunu l-ispejjez addizzjonali kieku nqasmet l-ordni *f'batches*, però, huwa evidenti illi kieku saru aktar tranzazzjonijiet, xi spejjez zejda kien ser ikun hemm. Ghalhekk l-ilmentatur ma kienx ser jiehu l-ammont kollu li talab. F'cirkostanzi bhal dawn, fejn is-somma ta' kumpens ma tkunx tista' tinhadem b'mod preciz u ezatt, l-Arbitru jkollu juza d-diskrezzjoni tieghu, dejjem b'mod meqjus, sabiex issehh kemm jista' jkun il-gustizzja maz-zewg partijiet.

Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikoli 26(3)(c)(iv) tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *MPM Capital Investments Limited* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' elfejn u erbgha u tmenin Ewro.

Bl-imghax legali mid-data tad-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji